C/2026/4242

29.7.2026

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entità soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1877, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1880, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(C/2026/4242)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tas-Sur Sebastien UWIMBABAZI, is-Sur Muhammed LUMISA u TWIRWANEHO, persuni u entità li jidhru fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK [1], kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1877 [2], u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 [3], kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1880 [4], dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1533 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid lil dawk il-persuni u entità mal-lista ta' individwi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li jinkludi l-persuni u entità msemmija hawn fuq fil-lista ta' persuni u entitajiet koperti mill-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK u fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

In-narrattivi li fuqhom huma bbażati dawk il-listi jidhru fl-entrati rilevanti fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK u fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 u huma disponibbli wkoll hawnhekk: Security Council 1533 Sanctions Committee Adds Six Individuals and Two Entities to Its Sanctions List | UN Meetings Coverage and Press Releases.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entità kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti elettroniċi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għar-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew biex isiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, meħtieġa biex jissodisfaw ħtiġijiet bażiċi jew maħsuba għal ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin iressqu talba lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1533 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' ġustifikazzjoni, biex id-deċiżjonijiet li jiġu inklużi fil-lista tan-NU jiġu rieżaminati. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Focal Point for De-listing
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room DC2 2034
United Nations
New York, N.Y. 10017
United States of America
Tel.: +1 917 367 9448
Fax: +1 212 963 1300
Posta elettronika: delisting@un.org

[1] ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/788/oj.
[2] ĠU L, 2026/1877, 28.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1877/oj.
[3] ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/1183/oj.
[4] ĠU L, 2026/1880, 28.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1880/oj.

Għal aktar informazzjoni, ara: https://www.un.org/securitycouncil/sanctions/delisting/delisting-requests

Kwalunkwe osservazzjoni li l-persuni u l-entità kkonċernati jixtiequ jippreżentaw lill-Kunsill għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

L-attenzjoni tal-persuni u l-entità kkonċernati qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li d-deżinjazzjoni tagħhom tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.